**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta’ Ġunju 2021 – One Voice vs ECHA**

**(Kawża T-663/20)** [1]

***(“Rikors għal annullament – REACH – Sustanza homosalate – Użu esklużiv għall-manifattura ta’ prodotti kożmetiċi – Kontroll tal-konformità tar-reġistrazzjonijiet – Artikolu 41(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 – Terminu għall-preżentata ta’ rikors – Artikolu 21(5) tar-Regolament (KE) Nru 771/2008 – Artikolu 59 tar-Regoli tal-Proċedura – Inammissibbiltà”)***

(2021/C 310/46)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* One Voice (Strasbourg, Franza) (rappreżentant: A. Ghersi, avukat)

*Konvenut:* L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (rappreżentanti: W. Broere u L. Bolzonello, aġenti, assistiti minn S. Raes, avukat)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni A-009-2018 tal-Bord tal-Appell tal-ECHA, tat-18 ta’ Awwissu 2020, dwar il-kontroll tal-konformità ta’ fajl ta’ reġistrazzjoni għall-homosalate.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

2) One Voice hija kkundannata għall-ispejjeż.

[1] ĠU C 9, 11.1.2021.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta’ Ġunju 2021 – One Voice vs ECHA**

**(Kawża T-664/20)** [1]

***(“Rikors għal annullament – REACH – Sustanza salicylate ta’ 2-ethylhexyl – Użu esklużiv għall-manifattura ta’ prodotti kożmetiċi – Stħarriġ tal-konformità tar-reġistrazzjonijiet – Artikolu 41(1) tar-Regolament (KE) Nru 1097/2006 – Terminu għall-preżentata ta’ rikors – Artikolu 21(5) tar-Regolament (KE) Nru 771/2008 – Artikolu 59 tar-Regoli tal-Proċedura – Inammissibbiltà”)***

(2021/C 310/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* One Voice (Strasbourg, Franza) (rappreżentant: A. Ghersi, avukat)

*Konvenut:* L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (rappreżentanti: W. Broere u L. Bolzonello, aġenti, assistiti minn S. Raes, avukat)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni A-010-2018 tal-Bord tal-Appell tal-ECHA tat-18 ta’ Awwissu 2020, dwar l-istħarriġ tal-konformità ta’ proċess ta’ reġistrazzjoni għas-salicylate ta’ 2-ethylhexyl.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.